# Tiftix għat-teżori f'Malta u Għawdex



Guido Lanfranco

Missirijietna fis-sekli l-imgħoddija ma kellhomx problemi dwar x'se jaqbdu jagħmlu bi flushom, għax kellhom ftit li xejn. Il-problema kienet kif se jerfgħu u jaħbu l-ftit li kienu jlaqqtu b'xogħolhom. Ftit kienu s-sinjuri u dawn ukoll kienu jridu jaħbu jew jerfgħu sewwa l-flus jew it-teżori li kellhom. Sistema ta' banek ma kienx hemm, u wkoll li kieku kien hemm, qajla kienu jafdawhom. Għalhekk kulħadd kien isib il-moħba sigrieta tiegħu. Taħt il-maduma, ħofra moħbija, f'rokna fil-bitħa, qasma fil-ħajt, senduq li jorqdu fuqu, borża dejjem marbuta mal-qadd, u bosta mkejjen oħra kienu ftit mis-soluzzjonijiet. Nisthajjel li dejjem kienu b'qalbhom ittaqtaq meta jkollhom jerħu l-moħba minn taħt għajnejhom.

## Fil-bomblu u fil-qargħa . . .

Kienu jqiegħdu l-flus f'xi bomblu jew kontenitur ieħor tal-fuħħar jew tal-metall jew xi kaxxa tal-ħadid. Il-muniti sikwit kienu jerfgħuhom ġo qoxra ta' qargħa twila niexfa. Hemm diversi razez ta' qargħa twil, fosthom dik li tikber f'għamla ta' flixkun li kienet titħalla timmatura fis-siġra u tinxef vojta minn ġewwa. Kienet komuni mhux f'Malta biss u tintuża l-aktar għall-ġarr ta' l-ilma jew bħala karus għall-flus. Hemm qawl Malti li jgħid:

Ibleh hu dak ir-raġel li, lill-mara,
qabel jiżżewweġ, juriha l-qargħa.

Ifisser li jekk juriha li għandu l-flus għandha mnejn tiżżewġu għal flusu.

Moħbiet kien hemm bla għadd u ta' kull għamla, imma bosta minnhom baqgħu jostru sigriethom għaliex sidhom laħaq miet jew inħataf fil-jasar bla ma kixef il-post lil ħaddieħor. Minħabba f'hekk, f'Malta u Għawdex, ta' sikwit kienu jinstabu flus u oġġetti prezzjużi oħra moħbija. Tant kienu spissi dawn is-sejbiet li nqalgħu leġġendi ma' kullimkien ta' xi teżor moħbi li għad irid jinkixef, u fost il-ħafna superstizzjonijiet li kien hawn kien hemm ukoll nies li taparsi jaqraw il-futur jew ix-xorti u jingannaw lill-boloh billi jgħidulhom fejn jistgħu isibu

t-teżor. Ngħid jien, kieku xi ħadd jaf b'xi teżor, taħseb li se jmur jgħid lill-ħaddieħor fejn isibu, jew iżommu għalih?

## Liċenzji għat-tiftix

Sa minn qabel ma kien hawn il-Kavallieri f'Malta ġa kien hemm ħafna tiftix għat-teżori. Dawn ma kinux biss flus moħbija imma wkoll fdalijiet arkeoloġiċi bħal statwetti, vażetti, msiebaħ u oġġetti oħra antiki għall-kollezzjonisti. Malta kienet suġġetta għall-Viċi Re ta' Sqallija u min ried ifittex għat-teżori kellu jikseb permess irjali. Meta kienet tiġri x-xniegħa li nstab xi teżor u ma ġiex mgħarraf lill-awtoritajiet, il-Viċi Re kien jibgħat lil xi ħadd Malta biex jindaga. Dokumenti antiki juru li hekk kien isir, kif ġara, fost oħrajn, fis-snin 1440, 1460, 1467 u 1476.

Dawk ħatja li sabu xi teżor u ma rrappurtawhx lill-awtoritajiet ġew mixlija u kkundannati, u l-flus ittieħdu Palermo. Il-ftehim kien li parti mit-trovatura tittieħed mit-Teżor ta' Sqallija u parti tinżamm minn min sabha, dejjem jekk kienet irrappurtata skond il-liġi; jekk le, jieħu kollox it-Teżor. Meta ġew il-Kavallieri Malta il-permessi bdew jinkisbu wkoll mingħand il-Gran Mastru. Bħala eżempju nsemmu lil Luca Darmenia u Antonio Callus li applikaw malli waslu l-Kavallieri fl-1530, u Giuseppe Callus, tabib avventuruż li kiseb liċenzji fil-1537 u fl-1558. Dan ta' l-aħħar kien sfortunat għax, billi kien jiġġieled għad-drittijiet tal-Maltin kontra l-Ordni, il-Gran Mastru ra kif għamel biex jeħles minnu u sar minn kollox sakemm ġie kkundannat għall-mewt fl-1561. Il-ftehim ma' l-Ordni kien li min isib xi ħaġa, dejjem jekk ikollu permess, jista' jżomm żewġ terzi tal-valur u jagħti terz lit-Teżor.

## Sejbiet speċjali tul 400 sena

**1458-9** – Fil-limiti tan-Naxxar ħames subien sabu 248 muniti Biżantini li juru l-immaġni ta' Kostantinu u Sant'Elena. It-Teżor ta' Sqallija ġabar kollox u lit-tfal ħallielhom 18-il tarì kull wieħed.

**1508 –** Il-Patrijiet Franġiskani Minuri Osservanti (Ta' Ġieżu) tar-Rabat fl-1492 kienu wirtu l-ġid kollu ta' Giacomo Hakem biex bil-flus jibnu kunvent u knisja. Id-dar tiegħu ta' l-Imdina biss ma nbiegħetx biex jistgħu jużawha għall-kenn mill-furbani jew jikruha 'l ħaddieħor. Jidher li għall-ħabta ta' l-1508 Michele Xerri, li kien joqgħod fiha, sab teżor flus. Il-patrijiet riedu 200 uqija bħala parti mit-trovatura imma spiċċaw biex ħadu 30.

**1525 –** Instabu xi 1,300 munita tad-deheb ta' żmien ir-Rumani fil-limiti tan-Naxxar bix-xbiha ta' Sant'Elena (għalhekk kienu magħrufin bħala *Moneta di*

*Sant' Elena*). Din is-sejba nfirxet fost ħafna jdejn u nħolqu intriċċi, għlied, akkużi u suspetti u ġew involuti wkoll nies ta' professjoni, reliġjużi u oħrajn. Kull min kien imdaħħal fil-biċċa ġie arrestat, oħrajn ittellgħu Palermo biex iwieġbu għall-akkużi u spiċċat biex ir-Re żamm kollox talli s-sejba ma kinetx irrappurtata.

**1612** – F'Għawdex ukoll sabu ħafna teżori tul iż-żminijiet, kemm bit-tiftix kif ukoll aċċidentalment. F'din is-sena jingħad li fil-limiti taż-Żebbuġ instabu blokki tad-deheb. Qrib ir-Rabat ta' Għawdex kienu sabu wkoll lampa fina taż-żejt bid-disinn ta' faġan bid-deheb.

**1674** – Fil-pedamenti tal-ħitan tas-Saqqaja qrib l-Imdina jidher li kienu sabu muniti Rumani tad-deheb tal-perjodu 375-423 w.K.

**1698** – L-akbar teżor kien instab aċċidentalment fl-Imdina. Kien jiżen erbatax-il ratal u nofs, id-doppju ta' dak ta' l-1525, f'*moneta e medaglie di Sant'Elena*, imma ħarġu minn zekka Għarbija u mhux Biżantina. Wara nofsinhar tat-12 ta' April 1698 Ignazio Parnis kien fuq xogħlu fuq sit ta' dar li ġiet imwaqqa' biex issir pjazza quddiem fejn kellu jinbena l-katidral il-ġdid, meta sab važun tar-ramm mimli muniti.

Malajr ġew tal-Kapitlu u ħaduhom. Ikkunsidraw is-sejba bħala miraklu għaliex kienu fi kriżi finanzjarja għall-bini tal-katidral li kien distrutt mit-terremot ftit snin qabel; l-Isqof ordna li jitkanta t-*Te Deum*. Imma l-Gran Mastru ried sehemu, u wara xi litigazzjonijiet inqasam kollox fi tnejn. Il-Gran Mastru dewwibhom u għamilhom zekkini għall-fondi tal-*Monte di Pietà* u l-Kapitlu wkoll għamilhom 1,319-il zekkin. Sadattant qassmu waħdiet bħala rigal lill-Papa, lill-isqof, lill-Vigarju u xi oħrajn. Il-važun li jingħad li fih kellu miġbura din is-sejba qiegħed fil-mużew tal-katidral.

Iżda hemm versjoni oħra dwar x'sar wara din is-sejba. Jingħad li l-Gran Mastru Perellos ried il-muniti għax saħansitra fosthom kien hemm xi lanġasiet żgħar tad-deheb (għandi naħseb li kienu buttuni) u fl-arma tiegħu nzerta kellu l-lanġasiet! Il-kwistjoni marret għand il-Papa Innoċenz XII li fi żmien qabel kien Inkwiżitur f'Malta. Il-Papa eskluda lill-Gran Mastru u ddeċieda favur il-Kapitlu u xi ħaġa lill-Inkwiżitur għall-karitajiet.

**1865** – Waqt li kien qed jitwaqqa' ħajt ta' dar antika fil-Belt Valletta nstabu xi elefejn zekkin ta' żminijiet differenti ta' l-Ordni.

## Baqgħu leġġendarji

Leġġendi mhumiex ħrejjef imma tifsiriet popolari ta' xi ħaġa. Il-leġġendi kollha

bbażati fuq xi ħaġa vera, imma it-tifsira li tingħata sikwit tkun qalgħa u fantasija, għalkemm tista' tkun storikament korretta. Meta postijiet u avvenimenti jaqgħu f'ilsien in-nies u jingħataw tifsira popolari għal ġenerazzjonijiet sħaħ, ngħidulhom leġġendi. Fost leġġendi dwar xi teżor moħbi għad hemm min jgħid li dwar in-Naxxar għad hemm xi teżor moħbi. Jgħidu wkoll li fl-inħawi tal-Baħrija għad iridu jinstabu żewġ gniedes tad-deheb bil-figura ta' sidhom.

Għal Għawdex, is-sena 1551 kienet waħda diżastruża, għax it-Torok assedjaw iċ-Ċittadella u fl-aħħar l-Għawdxin kollha ttieħdu sjavi ħlief għal xi ftit xjuħ. Fl-aġitazzjoni li kien hemm, ħafna kienu dawk li ħbew u difnu l-ftit ġid li kellhom biex ma jieħdux l-għadu. Fost oħrajn, il-Kappillan taż-Żebbuġ u żewġt irġiel poġġew il-kalċi ta' l-1547 ġol-qanpiena tal-1515, ma' xi oġġetti oħra u ħbewhom f'bir. Dawn il-persuni ttieħdu fil-jasar minn fejn qatt ma ġew lura, qatt ma tkellmu u ħadd ma jaf aktar fejn kien dak il-bir.

Fl-istess Assedju ta' Għawdex ta' l-1551, il-Matriċi taċ-Ċittadella kellha l-istess ġrajja għax poġġew it-teżori f'qabar fl-istess knisja. Battlu l-qabar, poġġew it-teżori, għattewhom bix-xorok u poġġew l-iskeletri fuq kollox qabel ma għalquh. Spiċċaw inqabdu lsiera u ħadd ma seta' jsib liema qabar kien.

L-istess ħaġa ġara fil-Gudja f'Bir Miftuħ fejn jingħad li difnu qanpiena b'xi ħwejjeġ prezzjużi biex il-furbani ma jsibuhomx u ħadd ma jaf fejn huma. Leġġendi bħal dawn jixbħu oħrajn ukoll f'pajjiżi barranin.

Jingħad li fl-1729 kien instab għoġol tad-deheb fil-Gelmus, Għawdex. Wieħed kien sab għoġol tad-deheb u l-arġentier xtrah mingħandu bix-xejn. Il-Gran Mastru sema' bil-biċċa u lill-arġentier xeħtu l-ħabs sakemm jgħid fejn kien it-teżor. Dak ma tkellimx u ġie kkundannat għall-mewt. Din hi waħda minn diversi varjanti ta' l-istess leġġenda.

Meta fl-1798 il-Franċiżi ta' Napuljun invadew u okkupaw lil Malta u 'l Għawdex, kien hemm ukoll ħafna li ħbew it-teżori jew flus li kellhom, għax il-Franċiżi bdew jiġbru kulma kien ta' preġju biex ibiegħuh jew idewbuh u jagħmluh flus biex ikunu jistgħu jitħallsu s-suldati. L-ewwel statwetta titulari f'Għawdex kienet dik tax-Xagħra fejn kellhom il-Bambina bir-ras u bil-kuruna, l-idejn u s-saqajn tal-fidda li jistgħu jiżżarmaw mill-korp biex jintrefgħu. Is-sagristan ħeba l-istatwa f'qabar imma jidher li beża' jħalliha midfunha u reġa' ħariġha u ħalla biss il-korp u l-kuruna. Il-Franċiżi sabu dawk il-partijiet ta' l-sitatwa li kienu nħarrġu u ħaduhom u hekk fix-Xagħra spiċċaw bil-kuruna u l-korp biss.